# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 1053/00**

**Numru 33**

**Mirage Holdings Ltd**

**vs**

**Mary Grace Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' (Lm492) erba mija u tnejn u disghin lira Maltin, ghal Lm195 import ta' seba kambjali, annessi mal-avviz u markati Dok 1 sa Dok 7, mill-konvenuta accettati u ffirmati u li d-data ta' maturita taghhom skadiet, kwantu ghal Lm243, prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u konsenjata, kwantu ghal Lm27 ta' interessi dovuti.

Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji ammontanti ghal Lm5 u bl-ispejjes kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok 1 sa Dok 7 a fol 2 sa fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fl-10 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm492.00,0 bl-imghaxijiet legali ulterjuri mill-25 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm5.00,0 ghal zewg ittri interpellatorji.

Alan Calleja
Dep.Reg